MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2009

Numru. 737/2008

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR STEPHEN MALLIA**

**KONTRA**

**OMISSIS;**
**GIOVANNI MAGRO ta' 53 sena, iben Celest u Maria nee' Zammit, imwieled il-Qrendi nhar it-13 ta' Novembru, 1955, residenti fil-fond numru 18, Limelight, Triq Antonio Chircop, Qrendi, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 794155M;**
**EMANUEL MAGRO ta' 46 sena, iben Celestino u Mary nee' Zammit, imwieled il-Qrendi nhar il-21 ta' Ottubru, 1962, residenti fil-fond numru 41, Josman, Triq ta' Ciantar, Bubaqra, limiti taz-Zurrieq, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 682862M;**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmija **GIOVANNI MAGRO** u **EMANUEL MAGRO** li gew akkuzati talli:

1. Nhar it-13 ta’ Gunju, 2006 u fil-jiem u xhur ta’ wara, f’diversi nhawi f’dawn il-Gzejjer, sabiex jiksbu xi beneficcju ghalihom infushom jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita’ pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew taw taghrif falz billi wahhlu sett pjanci tar-registrazzjoni foloz bin-numru CBG 039 fuq vettura differenti minn dik li ghaliha kienu jappartjenu l-istess pjanci tar-registrazzjoni, u cioe’ billi wahhlu l-istess pjanci fuq vettura tal-marka ERC EC10 (numru tar-registrazzjoni ta’ l-Ingilterra originali N118 DKR);

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, ghamlu falsifikazzjoni jew xjentement ghamlu uzu minn xi dokument iehor falsifikat, billi wahhlu sett ta’ pjanci tar-registrazzjoni foloz bin-numru CBG 039 fuq vettura differenti minn dik li ghaliha kienu jappartjenu l-istess pjanci tar-registrazzjoni, u cioe’ billi wahhlu l-istess pjanci fuq vettura tal-marka ERF EC10 (numru tar-registrazzjoni tal-Ingilterra originali N118 DKR);

3. U aktar talli fl-istess data, hin, u cirkostanzi, minghajr l-approvazzjoni bil-miktub tal-Kummissarju tal-Pulizija, b’xi mod li jkun, baghbsu, nehhew, biddlu, jew ghamlu numru ta’ l-identifikazzjoni ta’ *chassis* jew makna ta’ jew fuq vettura bil-mutur, u cioe’ billi stampaw numru tax-*chassis* falza jaqra SAF40C2TR00063390MP fuq vettura tal-marka ERF EC10 bin-numru tax-*chassis* originali jaqra SAF31C4RTOSO83356 u bin-numru tar-registrazzjoni ta’ l-Ingilterra jaqra N118 DKR;

4. U aktar talli fuq talba tad-Direttur ta’ l-Awtorita’ dwar it-Trasport ta’ Malta, talli nhar it-13 ta’ Gunju, 2006 u fil-jiem u xhur ta’ wara, f’diversi nhawi f’dawn il-Gzejjer, bil-komplicita’ u/jew bil-koperazzjoni ta’ xulxin, bil-hsieb li jevadu t-taxxa dovuta jew li tista’ ssir dovuta, naqsu milli jaghtu xi avviz minn dawk li jista’ jinhtieg li jaghtu skond l-

Artikolu 4 jew l-Artikolu 10(1) ta' l-Att dwar it-Taxxa tar-Registrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur, Kapitolu 368 tal-Ligijiet ta' Malta, jew jaghtu f'avviz bhal dak jew fi stqarrija li jaghmlu lill-Awtorita' ghall-ghanijiet ta' dan l-Att, taghrif li jkunu jafu li ma jkunx korrett jew shih f'xi dettall materjali, xjentement, bil-qerq, importaw jew dahhlu, jew kellhom b'xi mod jaqsmu filli tigi mpurtata jew imdahhla f'dawn il-Gzejjer, vettura ta' l-ghamla Tipper Truck tal-marka ERF EC10 bin-numru tax-*chassis* originali jaqra SAF31C4RTTOSO83356 u bin-numru tar-registrazzjoni ta' l-Ingilterra jaqra N118 DKR liema taxxa dovuta kienet tammonta ghal €7,430 flimkien ma' 18% VAT li tammonta ghal €1,337.40.

Rat li l-imputati kienu ammettaw l-akkuzi kif dedotti kontra taghhom, ammissjoni minnhom ikkonfermata fis-seduta ta' nhar il-21 ta' Mejju, 2009.

In vista' ghalhekk ta' l-ammissjoni tal-ko-imputati Magro qieghda ssibhom hatja ta' l-akkuzi kif dedotti kontra taghhom, u dan wara li rat l-Artikolu 298D u 17 tal-Kapitolu tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 4, 10, u 21 tal-Kapitolu 368 tal-Ligijiet ta' Malta, u kif ukoll l-Artikoli 77 u 61 tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semtghet ukoll it-trattazzjonijiet dwar il-piena – hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija taghhom, kif ukoll il-mod kif fi stadju ta' stqarrija huma kkorraboraw mal-pulizija, dan huwa ben rifless fl-istqarrija taghhom. Illi ghaldaqstant tqis illi m'ghandhomx ibaghtu piena karcerarja effettiva;
Rat ghalhekk l-Artikoilu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tikkundannahom ghal sena(1) habs sospizi ghal sentejn(2) snin;
Tikkundannahom ukoll ghal multa fl-ammont ta' hmistax-il elf, hames mija u sittin Ewro(€15,560) kull wiehed li hija pagabbli fi zmien

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------